**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 8**

**It-Tlieta, 2 ta' Mejju 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.37 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Andy Ellul, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Albert Buttigieg* u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

*Sostitut tal-Onor. Adrian Delia.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 7, li saret l-Erbgħa, 22 ta' Frar 2023, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR WAYNE GRIXTI GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRMAN TAL-BORD TAL-AWTORITÁ MALTIJA GĦALL-INNOVAZZJONI DIĠITALI**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, datata 15 ta' Marzu 2023, dwar in-nomina tas-Sur Wayne Grixti għall-ħatra ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Wayne Grixti sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li s-Sur Grixti kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Wayne Grixti daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Grixti li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet

se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Wayne Grixti ta rendikont tal-karriera tiegħu. Huwa beda l-karriera tiegħu bħala *Software Developer* mal-MITTS, il-MITA kif kienet magħrufa oriġinarjament. Kompla jżid l-esperjenza tiegħu man-National Identity, l-entità li kienet tipprovdi l-karti tal-identità moderni. Ħadem ukoll fil-qasam tekniku, fil-konsulenza, bħala Adviser tal-Blockchain Task Force u fil-preżent bħala CEO ta' Tech.mt, *public-private partnership* imwaqqfa fl-2019 mill-Gvern u l-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta, biex tippromwovi lil Malta bħala ċentru teknoloġiku għal teknoloġiji innovattivi.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

L-Onor. Karol Aquilina staqsa jekk minħabba l-konsulenza privata li s-Sur Grixti jagħmel ma' Tech.mt u li semma f'waħda mir-risposti tiegħu, jistax ikun hemm kunflitt ta' interess peress li x-xogħol isir fl-istess entità.

Is-Sur Grixti wieġeb li minħabba li n-natura tax-xogħol tiegħu tirrikjedi li jkun aġġornat bl-iktar teknoloġiji avvanzati u ġodda, huwa stess offra li jagħmel *desk consultancy* u riċerka lill-kumpanija. Dan ix-xogħol jagħmlu wkoll sabiex fil-karriera tiegħu ma jiġix *de-skilled* imma jibqa' aġġornat b'dak li qed jiġi żviluppat fid-dinja tat-teknoloġija. Is-Sur Grixti qal ukoll li jekk isib li dan ix-xogħol joħloq xi tip ta' kunflitt ta' interess, hu ser ikun qed jiddikjara dan.

Wara diskussjoni qasira f'dan ir-rigward, is-Sur Grixti qal li waħda mill-items fuq l-aġenda tal-ewwel laqgħa tal-Bord, jekk jiġi approvat għall-kariga ta' Chairperson, ser tkun li jitlob lil kull membru tal-Bord sabiex jippreżenta u jiffirma dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess.

L-Onor. Clayton Bartolo staqsa għal aktar informazzjoni dwar fiex jikkonsistu l-proġetti pilota ta' Tech.mt. Is-Sur Grixti wieġeb li dawn huma proġetti f'oqsma varji fosthom is-saħħa, l-edukazzjoni u t-turiżmu, proġetti li ċ-ċittadin Malti jista' jesperjenza l-benefiċċji u r-riskji tagħhom.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Grixti u talbu sabiex jirtira mill-Kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Is-Sur Wayne Grixti rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-4.52 p.m. il-laqgħa kienet sospiża sabiex il-membri jkomplu jiddiskutu bejniethom *in camera* u rriżumiet fil-4.53 p.m.

Il-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Wayne Grixti għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni għal din in-nomina u għalhekk il-ħatra proposta għaddiet.

Fil-4.53 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Wayne Grixti jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Wayne Grixti daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorità Maltija għall-Innovazzjoni Diġitali kienet għaddiet mill-Kumitat, u skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet.

Fil-4.54 p.m. is-Sur Grixti rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

**LAQGĦAT FUTURI**

L-Onor. Karol Aquilina qajjem punt dwar laqgħat li huma ppjanati għall-futur peress li l-Kumitat kien irċieva 12-il nomina ġdida għal karigi ta' Ambaxxaturi mhux residenti. L-Onor. Aquilina ssuġġerixxa li minħabba l-fatt li kollha jridu jidhru quddiem il-Kumitat, il-laqgħat għandhom jinqasmu fuq tliet sessjonijiet, jiġu mistednin erba' nominati għal kull laqgħa u jingħata l-istess ammont ta' ħin għal kull nominat.

Il-Kumitat qabel ma' dan l-arranġament.

Fil-4.55 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**